V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10848 — PERMIRA / H&F / ZENDESK)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 321/03)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("Permira", Guernsey),

— Hellman & Friedman LLC ("H&F", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Zendesk, Inc. ("Zendesk", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Permira u H&F jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Zendesk.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Permira hija negozju ta' ekwità privata involuta fil-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġar tal-investiment lil numru ta' fondi tal-investiment. Permira tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— H&F hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-investiment fil-franchises tan-negozju u li sservi bħala sieħeb fil-ġestjoni f'industriji magħżula inklużi s-software u teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, il-konsumaturi u l-bejgħ bl-imnut, u servizzi kummerċjali oħra,

— Zendesk hija kumpanija tas-software li tipprovdi software għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijent (customer relationship management, "CRM") ta' software bħala servizz imfassal biex itejjeb ir-relazzjonijiet mal-klijenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10848 — PERMIRA / H&F / ZENDESK

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË